MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1231/1994/1

**Anna mart Joseph Dingli**

**v.**

**Brian Abela u Arthur Ebejer**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici, wara li ppremettiet illi l-konvenuti flimkien kienu jiggestixxu negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or, illi fiha huma accettaw illi jiehdu konsenja ta' pitturi mpingija mill-

attrici sabiex dawn jintwerew lill-pubbliku u meta jinbieghu, l-attrici tithallas il-prezz pattwit; illi kien miftiehem bejn il-partijiet illi r-riskju ta' l-istess pitturi kellu jkun f'idejn il-konvenuti personalment li obbligaw ruhhom li jassikuraw l-istess; illi fil-15 ta' Mejju, 1993, il-konvenuti irraportaw li sar serq mill-imsemmi fond Moulin D'Or li jinsab f'Triq il-Kuncizzjoni, Hal Lija, u li b'konsegwenza ta' dan is-serq ittiehdu l-pitturi kollha ta' l-attrici; illi f'diversi inkontri li kien hemm bejn l-attrici u l-konvenuti dawn dejjem ammettew li kienu responsabbli personalment ghal dawn il-pitturi izda talbu dilazzjoni sakemm huma jithallsu mill-assikurazzjoni; illi effettivament l-assikurazzjoni qeghdha tirrifjuta li thallas dan it-telf billi mhix sodisfatta dwar kif sehhew l-affarijiet; illi l-attrici ghalhekk ghandha d-dritt li tithallas minghand il-konvenuti u dana fis-somma ta' elf u tmenin Liri Maltin (Lm1,080) li huwa l-valur ta' l-imsemmija pitturi; talbet ghalhekk illi l-ewwel Qorti:
(1) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi msemmija u ghalhekk responsabbli ghar-rifjuzjoni tal-valur ta' l-istess pitturi;

(2) tillikwida l-valur ta' l-istess pitturi fis-somma ta' elf u tmenin Lira Maltin (Lm1,080);

(3) tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk likwidata lill-attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati numru 2388/94, 2889/94, 2890/94, 2891/94 kontra l-konvenuti.

2. Il-konvenuti l-appellanti, eccepew illi ma humiex il-legittimi kontradditturi ghall-azzjoni attrici, stante illi ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn l-attrici, billi l-istess appellanti kienu qed jitrattaw ma' l-attrici fil-kariga taghhom bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Moulin D'Or Co. Ltd., liema socjeta` tiggestixxi n-negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or; illi subordinatament l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attrici kienet accettat illi tistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji istitwiti mis-socjeta` Moulin D'Or Co. Ltd. kontra s-socjeta` ta' assikurazzjoni illi kienet

qeghdha tipprotegi l-interessi ta' l-attrici minn kwalsiasi hsara jew dannu ikkawzat minn serq; salv eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li cahdet l-eccezzjonjiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici, b'dan li iddikjarat lill-konvenuti responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi msemmija u ghalhekk responsabbli ghar-rifuzjoni tal-valur ta' l-istess pitturi; illikwidat il-valur ta' l-istess pitturi fis-somma ta' Lm1,080 u ikkundannat lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk likwidata lill-attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati numri 2388/94, 2889/94, 2890/94, 2891/94 kontra l-konvenuti u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassewhom aggravati mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u interponew l-appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

(1) illi l-appellanti ma jaqblux b'kull rispett mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, illi huma ma rnexxielhomx jippruvaw illi huma ftehmu ma' l-attrici, mhux personalment, izda ghan-nom tas-socjeta` Moulin D'Or Company Limited. Qabel xejn, fil-fehma umli ta' l-esponenti, l-oneru tal-prova dwar ir-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-kontendenti tispetta proprjament lill-attrici, u mhux lill-konvenuti. Hija l-attrici illi fil-premessi taghha qed tallega illi:

a. "*… l-konvenuti flimkien kienu jiggestixxu negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or…".* L-attrici mhux biss ma ressqet ebda prova sabiex issostni din il-premessa, anzi talli l-esponenti esebew kopja legali ta' l-att notarili illi permezz tieghu gie ippruvat illi s-sala in kwistjoni kienet proprjeta` tas-socjeta` Moulin D'Or Company Limited, illi taghha l-konvenut kienu biss diretturi;

b. "*…illi fiha huma accettaw illi jiehdu konsenja ta' pitturi mpingija mill-attrici…"*. Lanqas f'dan ir-rigward l-attrici ma gabet ebda prova minima illi l-ftehim sar ma' l-appellanti personalment. Ghall-kuntrarju, kull dokument esebit fl-atti tal-kawza huwa jew intestat lis-socjeta` Moulin D'Or Company Limited (bhal ma hi l-polza ta' assikurazzjoni illi tant ghamlet insistenza fuqha l-attrici) jew inkella intestat semplicement lil "*Moulin D'Or*". Fic-cirkostanzi spjegati, l-esponenti ma jistghux b'kull rispett jifhmu r-ragunament ta' l-ewwel qorti illi l-fatt illi l-*invoices* huma intestati lil *Moulin D'Or* jikkostitwixxi korroborazzjoni ta' l-allegazzjoni attrici illi l-ftehim sar ma' l-appellanti personalment u mhux mal-kumpanija. Wiehed ma jridx jinsa, f'dan il-kuntest, illi l-attrici dejjem sostniet illi kienet taf lill-appellanti personalment, sa minn zmien qabel ma ntlahaq dan il-ftehim – partikolarment lill-appellant Brian Abela li jigi silf zewgha. Fic-cirkostanzi, jekk l-attrici verament kienet lahqet ftehim ma' l-appellanti personalment, wiehed kien ragjonevolment jistenna illi l-attrici kienet tohrog l-*invoice* f'isem l-appellanti (illi kienet taf ferm aktar mill-post jew il-kumpanija) u mhux fuq l-isem ta' *Moulin D'Or*. Barra minn hekk, l-esponenti jitolbu li jfakkru wkoll illi persuni, li ma humiex prattikanti fil-kamp legali, rarament jirreferu ghall-isem ta' kumpanija bil-kliem *"Company Limited*", izda semplicement bl-isem proprju tal-kumpanija biss.

c. *"…kien miftiehem illi r-riskju ta' l-istess pitturi kellu jkun f'idejn il-konvenuti personalment li obbligaw ruhhom li jassikuraw l-istess…"*. Anke hawn l-appellanti umilment jirritjenu illi l-attrici naqqset fl-oneru taghha li tipprova din l-allegazzjoni dwar ir-riskju personali assunt mill-konvenuti. Kif gia` nghad ma sar ebda ftehim bil-miktub, salv ghal semplici *invoice*, illi kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejn l-attrici u l-proprjetarji tas-sala. Ma jezistix qbil dwar bejn min intlahaq dan il-ftehim – izda certament mhix kontestata l-allegazzjoni illi l-attrici insistiet ghall-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni specifikatament sabiex tkopri l-pitturi ta' l-attrici u l-artisti l-ohra. L-attrici tispjega fid-dettal, fix-xhieda taghha, ir-ragunijiet ghalfejn riedet din il-polza u l-modalita` kif kellha tinhareg. Kopja tal-polza giet esebita u tindika b'mod car u inekwivoku illi l-istess polza inharget f'isem is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited u

mhux f'isem l-appellanti personalment. L-attrici ssostni illi hija qatt ma hadet konjizzjoni ta' din il-polza, izda l-konvenuti huma ta' opinjoni kuntrarja u umilment jissottoettu, fl-istess rigward, illi huwa inverosimili, konsiderando l-insistenza ta' l-attrici ghall-hrug ta' din il-polza u l-mod specifiku li riedet li tinhareg, illi hija ma hadet l-ebda interess illi tezamina l-istess polza.

d. *"…fil-15 ta' Mejju, 1993, sar serq mill-fond Moulin D'Or u b'konsegwenza ta' dan ittiehdu l-pitturi kollha ta' l-attrici…"*. Din hija l-unika premessa li ma hijiex kontestata mill-appellanti, izda li ma titfa' ebda dawl fuq l-ezitu tal-kontestazzjoni;

e. *"…f'diversi inkontri li saru, il-konvenuti dejjem ammettew li kienu responsabbli personalment…"*. L-appellanti ma jistghux, b'kull rispett, jifhmu kif l-ewwel Qorti setghet possibiliment waslet ghall-konkluzjoni illi din il-premessa wkoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata – konsiderando illi mhux biss tezisti c-cahda kategorika ta' l-appellanti izda talli gie ippruvat, anke bl-ammissjoni ta' l-attrici u l-artisti l-ohra, illi f'dawn il-laqghat wara s-serqa ha parti wkoll id-direttur l-iehor tal-kumpanija Joseph Xuereb. Jistaqsu l-appellanti, jaghmel sens illi huma jkomplu kull darba jaffermaw ir-responsabilita` personali taghhom u, fl-istess waqt, igibu lill-ko-direttur sabiex jiehu parti attiva f'dawn id-diskussjonijiet? U jkomplu jistaqsu l-appellanti, huwa verosimili illi lanqas immedjatament wara s-serqa l-attrici ma hassitx il-bzonn urgenti illi tiehu konjizzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni? Barra minn hekk, l-appellanti jirrilevaw ukoll illi, fix-xiehda taghha, l-attrici ikkonfermat illi kienet disposta ghal xi zmien li tistenna l-ezitu tad-diskussjonijiet li kienu qed isiru ma' l-assikurazzjoni. Allura huwa versomili illi lanqas f'dan il-mument l-attrici ma talbet l-evidenza tal-polza?

Illi ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, u bbazat fuq il-principju illi min jallega irid jipprova, l-appellanti umilment isostnu illi ma jistghux jaqblu mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-attrici rnexxielha tipprova r-relazzjoni diretta ma' l-appellanti personalment. Ghalhekk, l-appellanti ma jaqblux mal-mod kif l-ewwel Onorabbli

ghazlet illi titratta dan il-kaz, billi tezamina l-eccezzjoni konvenuta minghajr ma, qabel xejn, tinvestiga l-fondatezza ta' l-allegazzjonijiet attrici.

(2) Illi, fil-konsidrazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti efasizzat l-incertezzi, l-inezattezzi u l-kontradizzjonijiet fix-xiehda tal-konvenuti – b'mod illi l-istess Qorti tefghet dell fuq il-kredibilita` ta' l-appellanti. F'dan ir-rigward, l-appellanti jitolbu li jipprecizaw biss illi huma dejjem imxew bl-aktar mod genwin ma' l-artisti u qatt ma ippruvaw lanqas minimament, illi jiehdu vantagg mis-sitwazzjoni. Bhala prova ta' dan, l-appellanti jaghmlu referenza ghall-*invoice* indikat bhala *cash sale* illi fih huma elenkati l-pitturi kollha esebiti fis-sala. Kulhadd jaf it-tifsira tal-kliem *cash sale*, izda l-appellanti ma ippruvaw jirrekaw ebda vantagg minn dan id-dokument. Mill-banda l-ohra, izda, lanqas ma huma disposti illi jaccettaw responsabilita` personali ghal cirkostanza illi genwinament jafu illi dahlu ghaliha bhala rapprezentanti ta' kumpanija, u mhux fil-vesti taghhom personali.

(3) Illi, in linea sussidjarja, l-appellanti eccipew ukoll illi l-azzjoni attrici kienet intempestiva ghaliex l-attrici kienet accettat illi tistenna l-ezitu tal-kwistjoni bejn is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited u s-socjeta` assikurattrici dwar il-hlas tal-valur tal-pitturi misruqa. L-attrici taccetta din l-allegazzjoni, izda tirritjeni illi irrizervat id-drittijiet taghha. L-ewwel Qorti interpretat din ir-rizerva fis-sens illi l-attrici qatt ma irrinunzjat b'mod esplicitu ghal xi dritt ta' azzjoni. L-appellanti jaqblu ma' din il-konkluzjoni tal-Qorti – izda umilment jirritjenu illi, filwaqt illi l-attrici qatt ma rrinunzjat definittivament ghad-dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-proprjetarji tas-sala, hija accettat ukoll li tissospendi d-drittijiet legali taghha sakemm ikun maghruf l-ezitu tal-kwistjoni hawn fuq spjegata. Din il-prova harget b'mod car mix-xhieda prodotti, u ghalhekk l-appellanti jibqghu jsostnu illi l-azzjoni attrici kienet intempestiva.

(4) Illi minn barra hekk, l-appellanti umilment jissottomettu illi, fi kwalunkwe kaz u anke jekk biss ghas-sahha ta' l-argument, wiehed kellu jikkoncedi illi l-oggetti tqieghdu taht il-kustodja ta' l- appellanti, huma ma jistghu qatt jigu

kkundannati sabiex iwiegbu ghal accident li jigri fuq l-oggett fil-kustodja taghhom, meta l-accident ma huwiex attribwibbli lil xi nuqqas taghhom – anzi jsehh f'cirkostanzi illi ma ghandhom l-ebda kontroll fuqhom. Fil-kors tax-xhieda prodotta, irrizulta illi l-pitturi gew nieqsa mis-sala Moulin D'Or minhabba serqa li sehhet f'dak il-post. L-attrici ma resqet l-ebda prova sabiex tissodisfa lill-ewwel Qorti illi din is-serqa sehhet minhabba xi nuqqas da parti ta' l-appellanti, ossija illi l-appellanti setghu jevitaw is-serqa. Fic-cirkostanzi spjegati, l-appellanti, bhala depozitarji, ma jistghu qatt jigu mgieghla jwiegbu ghal dan l-accident sfortunat. L-obbligu tad-depozitant huwa li jrodd dik is-somma ta' flus jew haga ohra li huwa jircievi minflok l-oggett mehud mill-pussess tieghu. U hekk giet imweghdha l-attrici fl-eventwalita` illi tirnexxi l-azzjoni pendenti kontra s-socjeta` assikurattrici ghall-hlas tal-valur tal-pitturi misruqa. Sa dak iz-zmien, izda, l-azzjoni attrici ma tista` qatt tirnexxi kontra l- appellanti.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu illi dina l-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-12 ta' Lulju, 2001, fl-ismijiet premessi u minflok, prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' ANNA DINGLI</u>**

5. L-attrici appellata wiegbet hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u fil-fehma umli ta' l- appellata timmerita li tigi ikkonfermata minn din il-Qorti ta' l-Appell ghar-ragunijiet segwenti:-

(1) Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament siewi tal-provi u xhieda kollha li gew prodotti quddiemha. L-ewwel Onorabbli Qorti giet sodisfatta illi l-appellata kienet dahlet fi ftehim mal-konvenuti appellanti fil-kwalita` taghhom personali, u mhux ghan-nom tas-socjeta` Moulin D'Or Company Limited.

Illi bhal ma sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, l-appellata rnexxielha tipprova illi kull negozju li hija ghamlet mal-

konvenuti appellanti kien fil-kwalita` taghhom personali, u mhux mal-kumpanija. L-appellata kienet taf lill-konvenut appellant Brian Abela personalment qabel ma nnegozjaw flimkien, u dan peress illi l-istess Abela kien silf ir-ragel taghha. Kull negozju li sar bejn il-partijiet kien dejjem f'isimhom personali, u mkien u fl-ebda mument qabel ma gew konkluzi n-negozjati ta' bejniethom ma giet imsemmija l-kumpanija Moulin D'Or Company Limited.

Ghall-kuntrarju ta' l-allegazzjonijiet tal-konvenuti appellanti, ma gie esebit l-ebda dokument intestat lis-socjeta` Moulin D'Or Company Limited, hlief ghal polza ta' assikurazzjoni li ghamlet din is-socjeta` fir-rigward tal-pitturi in kwistjoni. Bhal ma sewwa rriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha appellata, din il-polza ta' l-assikurazzjoni saret mill-konvenuti appellanti u l-appellata kienet ghal kollox estranea ghall-istess.

Il-kumplament tad-dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti kienu kollha intestati f'isem "Moulin D'Or", li bhal ma sewwa rriteniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili, huwa l-isem tas-sala li fih gew esebiti l-pitturi in ezami. L-appellata tissottometti bir-rispett illi l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ghal din ic-cirkustanza hija gusta, ghax minn imkien ma gie ndikat illi l-konvenuti kienu qed jidhru ghal xi socjeta`. It-tezi tal-konvenuti appellanti f'dan ir-rigward ghandha, fil-fehma umli ta' l-appellata, tigi respinta minn din il-Qorti, stante illi l-appellata rnexxielha tipprova bl-izjed mod kategoriku illi hi kienet ikkuntrattat mal-konvenuti appellanti f'isimhom personali, u mhux ma' xi kumpanija.

(2) Illi anke t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti jimmerita, fil-fehma umli ta' l-appellata, li tigi michuda minn din il-Qorti. Bhal ma kostantament irriteniet din il-Qorti ta' l-Appell, hija l-Qorti ta' prim istanza li ghandha l-fakolta` li tisma x-xhieda *viva voce* u li taghmel l-apprezzament taghha dwar il-kredebilita` o meno ta' dawn ix-xhieda. Hija wkoll il-Qorti ta' prim istanza li ghandha l-fakolta` li taghmel l-apprezzament tal-provi kollha migjuba quddiemha, u l-Qorti ta' l-Appell ma tistax, minghajr

ragunijiet validi, tirribatti din id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' prim istanza f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, l-appellata tissottometti bir-rispett illi l-aggravju ta' l-appellanti fir-rigward ta' l-emfasi li saret mill-ewwel Onorabbli Qorti dwar in-nuqqas ta' kredibilita` taghhom ukoll jimmerita li jigi michud minn din il-Qorti ta' l-Appell.

(3) Illi t-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti wkoll jimmerita li tigi michuda minn din l-Qorti ta' l-Appell. Illi bhal ma rrizulta bl-izjed mod car mix-xhieda moghtija quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-appellata, kuntrarjament ghal dak li gie allegat mill-appellanti, qatt ma accettat li tissospendi d-drittijiet legali taghha. Bhal ma sewwa rritniet l-ewwel Qorti, l-appellata kienet tat opportunita` lill-appellanti sabiex ihallsuha l-valur tal-pitturi in kwistjoni, u dana minhabba l-hbiberija li kienet tezisti bejniethom. Minn imkien ma rrizulta illi l-appellata kienet irrizunzjat ghad-drittijiet taghha kontra l-appellanti, u lanqas ma rrizulta li kienet accettat li tissospendi dawn id-drittijiet taghha, bil-mod esplicitu u definittiv li tirrikjedi l-ligi.

Ghalhekk dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti ukoll jimmerita, fil-fehma umli ta' l-appellata, li jigi respint minn din il-Qorti.

(4) Illi fir-rigward tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti, l-appellata tissottometti bir-rispett illi dan ukoll ghandu jigi ezaminat fid-dawl tat-tielet aggravju taghhom. Illi l-konvenuti appellanti korrettament iddikjaraw illi l-obbligu taghhom kien li jroddu lura l-valur tal-pitturi ddepozitati maghhom mill-appellata, minflok il-pitturi li gew misruqa. B'danakollu, l-appellata tissottometti umilment illi peress illi hi qatt ma rrinzunjat ghad-drittijiet taghha ghal hlas minghand il-konvenuti, u lanqas ma accettat li tissospendi dawn id-drittijiet taghha, l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsuha l-valur tal-pitturi in kwistjoni.

Ghalhekk skond l-appellata l-appell tal-konvenuti ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. In succint l-aggravji tal-konvenuti appellanti kwantu ghall-mertu jistghu jingabru fis-sottomissjoni li huma ma qablux mar-ragunament ta' l-ewwel Qorti meta din ikkonkludiet li huma ma rnexxielhomx jipprovaw li l-kontrattazzjoni li huma ghamlu ma' l-attrici dwar il-pitturi li tqeghdu fil-kumpless maghruf bhala Moulin D'Or gew kondotti f'isem is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited u mhux f'isimhom personalment. Ibda biex, jissottomettu l-appellanti, tenut kont tal-principju li min jallega jrid jipprova, l-ewwel Qorti zbaljat meta din ghazlet li titratta dan il-kaz billi tezamina l-ewwel l-eccezzjoni tal-konvenuti minghajr ma qabel xejn tezamina l-fondatezza o meno ta' l-allegazzjonjijiet maghmulin mill-attrici appellata fl-att tac-citazzjoni. Dan jghiduh ghaliex huma ma kienux jaqblu mad-decizjoni moghtija in kwantu rriteniet li l-attrici kien irnexxielha tipprova relazzjoni diretta mal-konvenuti f'isimhom proprju. Il-konvenuti jaghmlu diversi riferenzi ghal dak li l-attrici ppremettiet fl-att tac-citazzjoni u jressqu argumenti bazati fuq il-provi li gew prodotti fl-ewwel istanza in sostenn tas-sottomissjonjiet taghhom.

7. Min-naha l-ohra, l-attrici appellata wiegbet li l-ewwel Qorti iddecidiet korrettement u hi wkoll adduciet diversi ragunijiet biex turi li l-aggravji tal-konvenuti huma kollha infondati.

8. Minn dak li jemergi mill-provi jirrizulta li l-attrici kkunsenjat lill-konvenuti appellanti xi pitturi taghha u dawn gew esposti f'sala, parti minn ambjent akbar maghruf bhala Moulin D'Or, li jinsab Hal Lija. L-attrici kienet waslet biex tqieghed dawn il-pitturi, flimkien ma' xogholijiet ta' artisti lokali ohrajn, wara li hi kienet tkellmet u ftehmet mal-konvenuti Brian Abela u Arthur Ebejer. Minhabba li f'okkazzjoni precedenti hija kienet ghaddiet minn esperjenza spjacevoli fejn il-pitturi taghha sfaw iddanneggjati, hija din id-darba insistiet mal-kontroparti li dawn l-esebiti jkunu koperti b'polza ta' assikurazzjoni. Gara li meta l-esebiti kienu ghadhom esposti fis-sala

msemmija, sehhet allegatament serqa minn injoti bil-konsegwenza li l-pitturi ghosfru, fosthom taghha. L-attrici rreklamat l-ammont, fi flus, ekwivalenti ghall-prezz tal-pitturi minghand iz-zewg konvenuti personalment izda dawn sostnew li kull trattativa li saret ma' l-attrici giet kondotta f'isem is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited u mhux maghhom personalment, u li l-attrici kienet edotta b'dan l-istat ta' fatt. Ghandu jinghad inoltre, ghal kompletezza tal-fatti, kif ukoll minhabba li nghatat l-eccezzjoni ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni, li dawn il-pitturi kienu gew assikurati ma' socjeta` assikurattrici min-naha tas-socjeta` Moulin D'Or Company Limited (jigifieri mhux mill-konvenuti personalment) u li wara li saret "claim" maghha ghal fini ta' rimbors, l-imsemmija kumpanija assikuratici baqghet tirrifjuta li thallashom ghar-raguni li hija ma kienitx sodisfatta li kien sehh tabilhaqq sgass biex sehhet l-allegata serqa u l-vertenza spiccat f'kawza gudizzjarja li baqghet pendenti. Fil-fatt jirrizulta li l-attrici, u l-artisti l-ohra, wrew ruhhom propensi li jistennew qabel ma jippressaw oltre biex jithallsu l-prezz tal-pitturi izda meta dawn raw l-affarijiet jitwalu, huma, u maghhom l-attrici, ddecidew li jesigu hlas minghand il-konvenuti. Kif gia` nghad, supra, il-konestazzjoni tal-konvenuti ghat-talbiet attrici hija bbazata fuq l-eccezzjoni li huma ma kienux il-legittimi kontraditturi, kif ukoll li f'kull kaz l-azzjoni attrici hija intempestiva peress li skond huma l-attrici kienet esplicitament accettat li tistenna l-ezitu tal-proceduri istitwiti mis-socjeta` Moulin D'Or Company Limited kontra l-kumpannija assikuratrici li maghha gew assikurati l-pitturi "de quo".

9. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li gew prodotti kif ukoll is-sentenza appellata fid-dawl tas-sottomissjonjiet tal-partijiet, u hija tal-fehma li l-aggravji tal-konvenuti huma nfondati.

10. Huwa korrett li jinghad li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min qieghed jallega u mhux fuq min qieghed jichad – hekk ara l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 – pero` tajjeb ukoll li jigi rilevat, kif del resto gie ritenut in re: "Giuseppa armla Fenech –vs– Geraldu Cassar" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju, 1986 li,

"Ghalkemm b'mod generali huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti li jallega, izda, fejn il-konvenut jissottometti fatti li jistghu jehilsuh mill-allegazzjonijiet ta' l-attur, allura l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-konvenut."

11. Huwa ovvju li biex jirnexxu fl-eccezzjoni taghhom li m'humiex huma l-legittimi kontradditturi, il-konvenuti htiegilhom jipprovaw li waqt il-kontrattazzjoni, u mhux wara, huma indikaw car u tond li l-ftehim dwar l-esposizzjoni tal-pitturi fis-sala tal-kumpless Moulin D'Or ma kienx qieghed jigi kondott maghhom "de proprio" imma mas-socjeta` Moulin D'Or Company Limited. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, mhux biss il-konvenuti appellanti ma sostnewx sodisfacentement din l-eccezzjoni imma hemm addirittura provi li juru sufficjentement li l-attrici ma kellhiex ghalfejn tahseb li kienet qeghdha tiftiehem mas-socjeta` surreferita u mhux ma' Brian Abela u Arthur Ebejer personalment. In fatti gie ritenut in propozitu mill-Qrati taghna – hekk ara, fost ohrajn, il-kawza in re: "Frank Cilia noe –vs– Charles Scicluna," Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April, 1992, li,

"Illi hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innfisu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni.

Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong Mandato n.50, citata fil-Kollezzjoni Vol. XLII.ii.203). Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."

12. Kif gie spjegat minn din il-Qorti, kif diversament komposta, in re: “John Vella noe –vs– Anthony Vella et” deciza fit-3 ta’ Dicembru, 1999,
“….Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b’mod car u univoku illi f’dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.”

Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ma giet impressjonata bl-ebda mod minn dak li qed jigi sottomess mill-konvenuti fis-sens li huma tabilhaqq urew mill-bidunett lill-attrici li huma kienu qeghdin jaslu fi ftehim maghha ghan-nom ta’ socjeta` kummercjali u mhux f’isimhom proprju. Mhux bizzejjed li taccenna ghall-fatt li r-ragel ta’ l-attrici kien “accountant” u li dan kien jaf bl-ezistenza tas-socjeta`. Il-provi dwar “invoice” intestata fuq Moulin D’Or Company Limited b’lista fiha tal-pittura mghoddija mill-attrici u shabha ma tammontax ghall-prova li htegilhom jistabilixxu l-konvenuti biex jissodisfaw lill-Qorti li b’dak li eccepew kien fondat. Il-provi invece juru li originarjament il-kuntratti u l-ftehim saru <u>fuq bazi personali</u> u li kien biss wara l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li l-konvenuti bdew ideffsu fin-nofs l-allegat involviment “ab initio” da parti tas-socjeta` Moulin D’Or Company Limited.

Fost affarijiet ohra, il-konvenut Arthur Ebejer, prodott in kontro-ezami (ara fol. 112 u fol. 114) wiegeb hekk,
“Jiena ma niftakarx jekk jiena qattx introducejt lili nnifsi bhala Direttur ta’ ‘Moulin D’Or Company Limited’ pero` ma nafx liema bniedem jintroduci ruhu ma’ xi hadd li diga` jaf bhala specifikatament Direttur ta’ Moulin D’Or Company Limited.”

X X X

(fol. 114)

"Jiena ghidtlek, jiena personalment qatt ma introducejt ruhi, bhala partner, bhala Direttur iva, imma mhux li nghid Company Limited 'at the end of the sentence'."

13. Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti dwar l-"invoice" – Dok FGC 6 u FGC7 a fol. 54/55 tal-process – f'dan id-dokument ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenuti qed jidhru f'isem is-socjeta`. L-invoice ma saritx fuq "letterhead" tal-kumpanija, hija invoice informali mahruga mill-istess attrici li tindika biss l-isem tal-post u l-pitturi. L-invoice hija ffirmata minnha u mill-konvenut Brian Abela, li ffirma minghajr ma specifika li kien qed jiffirma in rappresentanza ta' xi socjeta`.

Illi fir-rigward tal-polza ta' assigurazzjoni li harget is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited, tramite Island Insurance Brokers minghand is-socjeta` Norwich Union Fire Insurance Socjeta` Limited, jirrizulta li din verament saret mill-kumpanija u f'isem l-istess. Dan il-fatt pero` ma ghandu l-ebda importanza bhala prova li l-ftehim ma' l-attrici sar f'isem il-kumpanija. Kif korrettement ikkummentat l-ewwel Qorti, kienet is-socjeta` wahidha li kkontrattat ma' l-Island Insurance Brokers dwar il-hrug tal-polza u l-attrici qatt ma kienet involuta f'dawn it-trattativi. Huwa veru li l-attrici kienet insistiet mal-konvenuti li ssir polza ta' assikurazzjoni specifikatament ghall-pitturi li kien se jigu esebiti imma hija ma nvolvietx lis-socjeta` f'dan ir-rigward. Inoltre, hija kienet qaltilhom x'tip ta' polza riedet u anke semmietilhom min kienu l-"brokers" taghha personali. Irrizulta pero` b'mod car li hija jew l-artisti l-ohra qatt ma kienu gew moghtija kopja ta' l-istess polza fil-mument li sar il-ftehim jew qabel is-serqa. Dwar dan, il-konvenut Ebejer fix-xhieda tieghu l-ewwel jghid li kien taha kopja ta' l-istess polza f'xi hin, wara li l-attrici staqsietu jekk kienx kollox f'postu (ara fol. 100 tal-process). Wara jixhed li dan kien zgur qabel is-serqa u mbaghad fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 1997, sostna li jekk jiftakar sew il-polza nghatat lill-attrici <u>wara</u> s-serqa u qabel ma saret il-kawza u l-mandati. Dan gie konfermat anke

minn Brian Abela li xehed li l-attrici kienet taf bil-kumpanija ghaliex inghatat kopja tal-polza minnu stess wara s-serqa. (ara fol. 137 tal-process)

Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li din il-polza giet biss f'idejn l-attrici *wara* li saret is-serqa u wara li sar il-ftehim minnha mal-konvenuti.

14. Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti tefghet dell ikrah fuq il-kredibilita` taghhom meta enfasizzat l-incertezzi, inezatezzi u l-kontradizzjonijiet fix-xiehda taghhom. Jispjegaw li huma dejjem kienu onesti u qatt ma hadu vantagg mis-sitwazzjoni anke meta setghu jaghmlu dan, bhal fil-kaz tad-Dokument BA2 li fuqha ghandha miktub il-kliem *cash sale*, liema kliem ghandu tifsira cara. Pero` mhumiex lesti jerfghu r-responsabilita` ta' ftehim li huma ghamlu ghan-nom tal-kumpanija.

15. Jigi osservat illi hawnhekk si tratta ta' kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u tal-kredibilita` o meno tax-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti, haga din li tispetta principalment lill-Prim Istanza. Hu pacifiku li l-Qorti ta' l-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tindahal biex tissindika l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti u li dan "isir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja (vide "Carmelo Agius vs John Agius," Appell Inferjuri, 2 ta' Dicembru, 1994).

16. Din il-Qorti ma tara ebda "raguni serja" ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Jirrizulta li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet valutazzjoni korretta tal-provi u l-konkluzjoni taghha tikkorrispondi ghall-uniku rizultat li kellu jigi raggunt. Minn ezami tat-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tal-konvenuti jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet gustifikata fil-kummenti taghha. Diga` gie rilevat li wiehed mill-konvenuti xehed li ghadda l-polza ta' l-assigurazzjoni lill-attrici qabel is-serqa u wara biddel il-verzjoni u qal li ghaddielha *wara* s-serqa.

Inoltre, Brian Abela tassew xehed li l-attrici kienet kuntenta bil-polza ghaliex kienet kellmet lil Carmel Cascun ta' l-Island Insurance Brokers. Izda meta xehed Lawrence Pavia, Managing Director ta' l-istess socjeta` dan qal li probabilment jekk l-artisti staqsewh xi haga hu rrisponda li ma setax jaghtihom ebda informazzjoni fuq il-kaz (ara fol. 76 tal-process). Il-konvenuti qatt ma pproducew lil Cascun biex jikkjarifika dan il-punt.

17. L-appellanti jissottomettu li huma dejjem kienu onesti u qatt ma hadu vantagg mis-sitwazzjoni. Hawnhekk ukoll ma humiex precizi – l-appellanti x'hin raw li l-kwistjoni kienet qeghda titwal u li s-socjeta` assikurattrici ma rieditx thallashom, kellmu lill-attrici u kkonvincewha taghmlilhom ricevuta ta' *cash sale* ghax hasbu li din kienet se tiffacilita l-konkluzjoni tal-"claim". Izda mill-provi u anke mix-xiehda tal-partijiet irrizulta car li ma kien hemm l-ebda bejgh ta' kwadri. Dan certament la jirrifletti tajjeb fuq l-appellanti u lanqas fuq l-appellata.

18. L-appellanti qed jappellaw ukoll mid-decizjoni li biha l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici. Jilmentaw li l-attrici stess xehdet illi hija kienet accettat li tistenna l-ezitu tal-kwistjoni bejn is-socjeta` Moulin D'Or Company Limited u s-socjeta` assikurattrici, izda tirritjeni li hija kienet irrizervat d-drittijiet taghha. Jghidu li jaqblu mal-Qorti meta kkonkludiet li l-attrici qatt ma rrinunzjat ghad-drittijiet taghha b'mod esplicitu izda jissottomettu li hija kienet accettat li tissospendi tali drittijiet sakemm tigi deciza l-kwistjoni l-ohra. Isostnu li jirrizulta kjarament mill-provi li l-azzjoni attrici hija intempestiva.

19. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat illi r-rinunzja ghal xi dritt ghandha tirrizulta minn fatti assolutament irrikonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juri l-volonta` preciza tar-rinunzjant. Fi kliem iehor, rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn li tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonjiet generici (ara "John Cordina vs Dr. Joseph sive Josie Muscat" – Prim Awla tal-Qorti Civili, deciza fit-28 ta' April, 2003).

Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubju li l-attrici qatt ma rrinunzjat ghad-dritt ta’ azzjoni taghha. L-appellanti jargumentaw illi hija pero` qablet li tissospendi l-ezercizzju ta’ dan id-dritt sakemm tigi deciza l-kwistjoni ma’ l-insurance.

20. Minn ezami tax-xiehda jidher li l-ewwel Qorti kellha ragun tichad din l-eccezzjoni. Jirrizulta car illi l-attrici kienet qablet li tistenna li jsir il-hlas minghand is-socjeta` assikuratrici izda dan semplicement minhabba li kienet taf lill-konvenuti personalment u infatti hija imparentata ma’ Brian Abela. Inoltre, xehdet illi lill-konvenuti kienet tafdahom u ma kellhiex allura tahseb hazin fihom. Meta l-attrici irrealizzat li stenniet bizzejjed inutilment, hija kellha kwalsiasi dritt li tazzjonahom. Ma rrizulta l-ebda ftehim li permezz tieghu l-attrici kellha necessarjament toqghod tistenna l-konkluzjoni tal-pendenza bejn il-konvenuti u s-socjeta` assikurattrici.

Ghal din ir-raguni dan l-aggravju wkoll ma ghandux jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma <u>in toto</u> s-sentenza appellata, <u>tichad</u> l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------